**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 485/2022**

***MATTHEW SAMMUT***

***VS.***

***MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL U L-AVUKAT TAL-ISTAT***

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ta' Matthew Sammut imressaq fit-**<u>22 ta' Settembru, 2022</u>**, li permezz tiegħu huwa talab lil din il-qorti sabiex twaqqaf lill-Bord għall-Fostering milli jkompli jisma l-każ li hemm quddiemu, sakemm tinqata' din il-kawża kostituzzjonali dwar jekk hemmx ksur tas-smigħ xieraq minħabba l-fatt li fost affarijiet oħra l-Bord għall-Fostering qiegħed jirrifjuta li jipprovdi tagħrif dwar ix-xhieda li qiegħed jisma' jew jitlob li jinstemgħu quddiemu, b'rabta mal-każ li jinvolvi lil Matthew Sammut;

2. Ir-rikorrent jgħid li huwa qiegħed iressaq din it-talba fuq is-saħħa tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, li jagħti s-setgħa lil din il-qorti tagħti u toħroġ miżuri temporanji;

3. Il-Ministeru konvenut u l-Avukat tal-Istat wieġbu fit-**<u>12 ta' Ottubru, 2022</u>** u qalu li ma jeżistux l-estremi fil-liġi sabiex tingħata tali miżura temporanja;

4. Jissokta jingħad, li bħala prinċipju ta' dritt l-għoti tar-rimedju proviżorju m'għandux ikun ir-regola kull meta jkun hemm xilja ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Angelo Frank Paul Spiteri v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża fid-9 ta' Jannar, 2017 qalet,

> *«li f'materja tal-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. (Ara Q. Kost.* **Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali**, *1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et*** (4 ediz. 2006, paġna 113)). Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. (Ara Q. Kost.* **Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et**, *22/8/2005 #7, #11 [Q.Kost.* **Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)**, *deċiża 25 ta' Settembru 2014].»*

5. Ifisser dan kollu, li hemm qbil li biex jingħata rimedju bħal dan jeħtieġ illi jintwera li hemm riskju imminenti u reali fuq il-persuna li tkun qed titolbu (ara *inter alia* ***Edward Cassar v. Avukat Ġenerali et*** maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar, 2016). Sewwasew f'dak il-każ, Edward Cassar kien qed jilmenta li hu ma kienx ġie notifikat bl-avviż tal-appuntament tas-smigħ tal-appell li huwa kien ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk huwa argumenta li meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat l-appell tiegħu bħala wieħed deżert u spiċċa l-ħabs bħala konsegwenza t'hekk, huwa ġie mċaħħad milli jsemma' leħnu fl-appell, u dan bi ksur tal-jedd tiegħu għas-smigħ xieraq kif imħares taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea**. Pendenti l-kawża kostituzzjonali huwa talab li jikseb rimedju proviżorju biex joħroġ mill-ħabs għaliex fil-fehma tiegħu huwa kien miżmum intortament. Però l-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet it-talba tiegħu għaliex hija ma ratx li dan kien xi każ estrem jew straordinarju li kienu jistħoqqlu l-għoti ta' rimedju proviżorju;

6. Biex wieħed jgħid kollox, mill-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar żminijiet jirriżulta li l-qrati tagħna ma tantx laqgħu bil-ħerqa talbiet biex jingħataw rimedji proviżorji. Hekk pereżempju fid-deċiżjonijiet ***Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali*** deċiża fl-1 ta' Lulju, 2013, ***Rosario sive Sario Sultana vs. Avukat Ġenerali et*** deċiża fis-27 ta' Frar 2017 u ***George Deġiorġio v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża fl-20 ta' Lulju, 2020, il-Qorti Kostituzzjonali ma tatx rimedju proviżorju biex proċeduri kriminali jiġu sospiżi sakemm tinqata' t-tilwima kostituzzjonali;

7. Ta' min isemmi wkoll id-deċiżjoni ***Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali [Kompetizzjoni) et*** deċiża fil-25 ta' Settembru, 2014 fejn il-Qorti Kostituzzjonali ma tatx rimedju proviżorju biex pendenti l-kawża kostituzzjonali jiġu mwaqqfa proċeduri dwar ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni fejn setgħu jiġu imposti multi amministrattivi b'valur għoli ħafna;

8. L-istess ġara fid-deċiżjoni ***Stephen Nana Owusu v. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' April 2018, fejn il-Qorti Kostituzzjonali ma laqgħetx talba għal miżura temporanja marbuta mas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija minħabba li dik il-qorti dehrilha li r-rikorrent ma ressaq l-ebda xrara ta' prova lanqas mad-daqqa t'għajn li huwa kien sejjer iġarrab xi preġudizzju jekk kemm-il darba kellu jintbagħat lura ġewwa l-Ghana, il-pajjiż tan-nisel tiegħu;

9. F'deċiżjonijiet oħrajn bħal ***Daniel Alexander Holmes v. Avukat Ġenerali et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta'April 2014, ***Trevor Bonniċi v. L-Avukat Ġenerali*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Mejju 2016, ***Raymond Mifsud v. L-Avukat Ġenerali et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' Awwissu 2017 u ***Lineker Micallef v. L-Avukat tal-Istat et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju, 2021, talbiet għal miżuri proviżorji relatati ma' skarċerazzjoni mill-ħabs sakemm jinqatgħu l-kawżi kostituzzjonali wkoll ma ġewx milqugħa għaliex ma tqisux każijiet straordinarji;

10. Meta wieħed iqis dawn id-deċiżjonijiet tal-qrati tagħna, joħroġ ċar li fil-każ tal-lum m'hemmx ċirkostanzi daqshekk gravi li jxaqilbu favur il-ħruġ ta' miżura proviżorja. Dan għaliex fil-każ tagħna m'hemmx kwistjonijiet urġenti jew straordinarji;

11. Barra minn hekk, lanqas ma jirriżulta li r-rikorrent ħa jġarrab xi preġudizzju jew ħsara li ma tistax tissewwa, jekk kemm-il darba l-Bord għall-Fostering ikomplu b'ħidmitu. Dan qed jingħad għaliex id-deċiżjoni tal-Bord għall-Fostering tista' tiġi attakkata quddiem il-Bord tal-Appell skont l-**artikolu 64 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv)** u quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) skont l-**artikolu 65 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv)**;

12. Hekk ukoll, din il-qorti tista' tħassar kull deċiżjoni mogħtija mill-Bord għall-Fostering, jekk ir-rikorrent iseħħlu juri li dan il-Bord tabilħaqq mhuwiex qiegħed iħares il-jedd ta' smigħ xieraq kif imħares fl-**artikolu 39** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**. Kif ingħad fid-deċiżjoni ***Annetto Farruġia v. Avukat Ġenerali*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019:

> *«biex issir soprassessjoni ta' kawża jrid ikun hemm raġuni iktar impellenti mill-fatt innifsu li l-proċedura tat-tribunal jew Qorti tkun qiegħda tiġi attakkata b'nuqqas ta' smiegħ xieraq: fil-fehma ta' din il-Qorti, irid jiġi ppruvat ukoll li t-tkomplija tal-istess smiegħ tkun sejra tikkaġuna preġudizzju li ma jistax jissewwa lil min jitlob ir-rimedju straordinarju tas-soprassessjoni. Fil-każ preżenti, jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti tkompli tisma' l-kawża, ma jkun hemm xejn x'iżomm lill-Qorti li tisma' l-kawża dwar ir-rikuża biex tagħti r-rimedju xieraq fil-każ li ssib li n-nuqqas ta' rikuża jsarraf fi ksur ta' xi jedd fundamentali; inkluż it-tħassir tal-proċeduri nfushom»*

13. F'dawn iċ-ċirkostanzi kollha għalhekk il-qorti ma tarax li hemm raġuni b'saħħitha biżżejjed li għandha twassalha biex tordna lill-Bord għall-Fostering jieqaf milli jkompli bil-proċeduri li hemm quddiemu;

14. B'danakollu skont is-setgħat mogħtija lilha taħt l-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, din il-qorti jidhrilha li huwa xieraq li tagħti ordni lill-Bord għall-Fostering sabiex fi żmien ġimgħa mid-data tal-komunika b'mod elettroniku ta' dan id-digriet, huwa jippreżenta nota fl-atti ta' din il-kawża kostituzzjonali fejn jindika:

    i. Bis-saħħa ta' liema artikolu tal-liġi l-Bord għall-Fostering qiegħed jirrifjuta li jipprovdi lil Matthew Sammut, bl-ismijiet tax-xhieda li qed jinstemgħu jew sejrin jinstemgħu minnu; u

    ii. Ir-raġuni għaliex il-Bord għall-Fostering qiegħed jirrifjuta li jipprovdi dawn l-ismijiet lil Matthew Xuereb, meta jirriżulta li l-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju, 2022 ma sabx problema li jgħid minn kienu x-xhieda li nstemgħu quddiemu;

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti filwaqt illi qiegħda tiċħad it-talba magħmula minn Matthew Sammut fir-rikors tiegħu tat-22 ta' Settembru, 2022 sabiex jieqfu l-proċeduri ta' quddiem il-Bord għall-Fostering, hija qiegħda tordna lill-Bord għall-Fostering sabiex fi żmien ġimgħa mid-data tal-komunika b'mod elettroniku ta' dan id-digriet, huwa jippreżenta nota bit-tagħrif mitlub f'paragrafu 14 ta' dan id-digriet;**

**Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din id-digriet għandu jiġi mgħoddi elettronikament lill-avukati kollha involuti f'din il-kawża;**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ħamis, 13 ta' Ottubru, 2022.**

| | |
|---|---|
| **Christian Falzon Scerri** | **Mary Josephine Musu** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |